# OPINJONI NRU 02/2010

## TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

**tat-28 ta' Mejju 2010**

**għal Regolament tal-Kummissjoni XXX/2010 dwar rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, fir-rigward tal-metodi tax-xogħol u l-proċeduri operattivi**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni XXX/2010 dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru**

*R.F011-02 © L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, 2010. Id-drittijiet kollha riservati. Dokument bi drittijiet ta' proprjetà.*

# I. Ġenerali

1. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009[2] (li minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku) jitlob lill-Kummissjoni biex tadotta qafas komprensiv ta' regoli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u s-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ANS). Skont l-Artikolu 8b(7), ir-Regoli Implimentattivi proposti għandhom jiġu żviluppati bl-użu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament Qafas), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament dwar il-forniment ta' servizzi), ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament dwar l-Ispazju tal-ajru) u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea tal-Amministrazzjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament dwar l-interoperabilità) u r-Regoli ta' Implimentazzjoni relatati. B'mod partikolari, l-abbozzi tar-Regolamenti proposti f'din l-Opinjoni huma bbażati fuq ir-Regolamenti tal-Kummissjoni li ġejjin:

   a. Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru[3]; u

   b. Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fl-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005[4].

2. L-ambitu tal-attivitajiet tat-tfassil ta' regoli li rriżultaw f'din l-Opinjoni huwa deskritt fit-Termini ta' Referenza (ToR) ATM.001[5] 'L-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u tas-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ANS) — l-iżvilupp ta' regoli dwar ir-Rekwiżiti għall-Fornituri ta' Servizzi ta' Navigazzjoni tal-Ajru' u ATM.004[6] 'L-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u tas-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ANS) — l-iżvilupp ta' regoli dwar l-awtoritajiet kompetenti' u huwa deskritt f'aktar dettall hawn taħt. Madankollu, kif inhuwa spjegat fil-kapitolu II ta' din l-Opinjoni, il-proċess tal-kontenut u tat-tfassil ta' regoli segwit mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (li minn hawn 'il quddiem imsemmija l-Aġenzija) ma twettaqx f'konformità sħiħa mat-ToRs imsemmija fuq. Il-kontenut tal-abbozz tar-Regolamenti f'din l-Opinjoni jsegwi d-deċiżjonijiet meħuda waqt it-33 u l-34 laqgħa tal-Kumitat tal-Ajru Uniku Ewropew li saru bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru 2009 u l-ittra[7]

---

[1] Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1).

[2] Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

[3] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 335, 21.12.2005, p. 13–30).

[4] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 tat-8 ta' Novembru 2007 dwar sorveljanza tas-sikurezza fl-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 (ĠU L 291, 9.11.2007, p. 16–22).

[5] http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/TORs2/ToR%20ATM.001.pdf.

[6] http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/TORs2/ToR%20ATM.004.pdf.

[7] TREN F2/JP/sr D(2009) 74614.

mibgħuta lill-Aġenzija mill-Kummissjoni Ewropea li fiha titlob li għandu jiġi applikat proċess rapidu għat-traspożizzjoni aċċellerata tar-regoli eżistenti tal-Ajru Uniku Ewropew (Single European Sky - SES). Għalhekk, fuq il-bażi ta' dawn id-deċiżjonijiet, din l-Opinjoni tkopri t-traspożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007 bl-aġġornamenti tekniċi minimi meħtieġa u timplimenta b'mod parzjali r-Regolament Bażiku.

3. Il-kontenut ta' din l-Opinjoni jirrappreżenta biss l-ewwel fażi tal-proċess u l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament Bażiku għandha ssir matul it-tieni fażi wara l-proċedura ta' regolamentazzjoni adottata mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija[8]. L-Aġenzija sejra temenda t-ToRs imsemmija fuq biex tirrifletti dan l-approċċ f'fażijiet.

4. L-Aġenzija hawnhekk tissottometti l-Opinjoni tagħha lill-Kummissjoni, li hija maħsuba biex tissodisfa l-proċess rapidu bħala l-ewwel fażi biex timplimenta l-Artikoli 8b u 22a tar-Regolament Bażiku.

5. Ir-regoli proposti ġew żviluppati wara li ttieħdu f'kunsiderazzjoni r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea taħt il-qafas tal-Ajru Uniku Ewropew u l-istandards internazzjonali applikabbli u l-prattiki rakkomandati ppubblikati mill-ICAO (jiġifieri l-Annessi tal-ICAO) fuq il-bażi tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Skont l-Artikolu 2.2(d) tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija għandha tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni msemmija, billi tipprovdi bażi għal interpretazzjoni komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tagħha, u billi tiżgura li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu debitament ikkunsidrati fl-abbozzar tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

6. L-Opinjoni preżenti ġiet adottata parzjalment wara l-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASA[9], skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku. Id-devjazzjonijiet minn dik il-proċedura, li rriżultaw mill-applikazzjoni tal-proċess rapidu, kif mitlub mill-Kummissjoni u l-SSC, ġew ippreżentati lill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija, li kkonferma l-appoġġ tiegħu, fil-prinċipju, għall-użu ta' tali proċedura f'dan il-każ speċifiku meta l-leġiżlazzjoni eżistenti tkun diġà fis-seħħ, bis-suppożizzjoni li ma jkun hemm ebda tibdil sinjifikanti fil-kontenut mir-regoli eżistenti.

## II. Konsultazzjoni

7. L-iskeda stretta taż-żmien imposta mill-proċess 'rapidu', mitluba mill-Kummissjoni Ewropea fl-ittra tagħha u kkonfermata mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASA u mill-Kumitat tal-Ajru Uniku (li teħtieġ li l-ewwel Regoli ta' Implimentazzjoni jiġu adottati fl-aħħar tal-2010, li kien ifisser li l-Aġenzija kellha tagħti din l-Opinjoni sa Ġunju 2010), ma ppermettitx lill-Aġenzija ssegwi l-fażijiet regolari tal-proċedura ta' Regolamentazzjoni, li tirrikjedi konsultazzjoni formali tal-partijiet interessati permezz ta' konsultazzjoni pubblika. Jekk il-proċedura sħiħa ta' Regolamentazzjoni adottata mill-Bord ta' Tmexxija ġiet segwita, perjodu minimu ta' 6 sa 7 xhur ikun meħtieġ mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) sal-adozzjoni ta' din l-Opinjoni. Għalhekk, sabiex tintlaħaq id-data ta' skadenza stabbilita mid-deċiżjonijiet imsemmija fuq, ma ġie ppubblikat ebda NPA fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija; lanqas ma ġie żviluppat jew ippubblikat xi Dokument ta' Rispons għall-Kummenti (Comment Response Document - CRD). F'dan il-każ, inħarġet biss Opinjoni direttament lill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, billi l-abbozz tar-regoli proposti huma traspożizzjoni sempliċi tar-Regolamenti eżistenti tal-SES, ma sejra tinħareġ ebda Deċiżjoni tal-Aġenzija li tinkludi l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità jew Materjal ta' Gwida.

---

8 Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

9 Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

8. Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet interessati kollha rilevanti jkunu informati dwar il-kontenut ta' din l-Opinjoni, l-Aġenzija flimkien mal-Kummissjoni Ewropea sejrin jorganizzaw workshops iddedikati biex jispjegaw bir-reqqa l-kontenut u l-pjanijiet għat-tieni fażi immedjata. Minbarra dan, l-Aġenzija sejra tipprovdi, skont kif ikun xieraq, sessjonijiet ta' informazzjoni separati dwar il-kontenut ta' din l-Opinjoni għall-korpi li ġejjin: il-Kumitat tal-SES (SSC), il-Korp ta' Konsultazzjoni għall-Industrija (ICB, il-Bord ta' Konsultazzjoni tal-EASA - EASAAB), il-Grupp Konsultattiv tal-Awtoritajiet Nazzjonali (Advisory Group of National Authorities - AGNA) u l-Kumitat Konsultattiv tal-Istandards tas-Sikurezza (Safety Standards Consultative Committee - SSCC).

9. L-Aġenzija sejra tipprovdi konklużjonijiet bil-miktub dwar ir-riżultati tal-workshops u s-sessjonijiet ta' informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u sejra tippubblikahom (permezz tal-paġna elettronika ddedikata għall-ATM u l-Ajruporti[10]) sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod xieraq mill-Kummissjoni sabiex tagħmel il-proposta leġiżlattiva tagħha.

## III. Il-Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

### *a) Rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, fir-rigward tal-metodi tax-xogħol u l-proċeduri operattivi*

10. Fil-preżent, ir-Regolamenti tal-SES għadhom ma ġewx emendati biex jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku, kif mitlub mil-leġiżlatur Ewropew (l-Artikolu 65a tar-Regolament Bażiku). Għalhekk, ir-Regolamenti tal-SES minn naħa waħda fihom xi rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ANSPs) u, min-naħa l-oħra, ma jikkjarifikawx ir-relazzjoni bejn dawn ir-rekwiżiti tas-sikurezza u rekwiżiti oħrajn li mhumiex relatati direttament mas-sikurezza. Dan joħloq overlap bejn ir-Regolament Bażiku u r-Regolamenti tal-SES. Għalhekk, is-sitwazzjoni ideali tkun li r-Regolament tal-SES jiġi emendat kif spjegat hawn fuq u b'tali mod li jippermetti lill-Aġenzija toħroġ regola ta' implimentazzjoni għar-Regolament Bażiku biss. Madankollu, dak li l-Kummissjoni Ewropea talbet mill-Aġenzija kien li din toħroġ Opinjoni li tittrasponi r-regolamenti eżistenti mingħajr bidliet kbar u għalhekk li tipproponi abbozz ta' Regolamenti b'bażi legali doppja. Din għandha tippermetti l-eżistenza kontinwa ta' Regolament wieħed biss li jiddefinixxi r-rekwiżiti għall-ANSPs u l-awtoritajiet, sakemm jasal dak iż-żmien li tkun tista' tiġi ċċarata s-sitwazzjoni.

11. Għat-traspożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 f'Regoli ta' Implimentazzjoni skont ir-Regolament Bażiku, filwaqt li segwiet il-proċess 'rapidu' mitlub mill-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija rreplikat dan ir-Regolament bl-introduzzjoni tal-bidliet minimi meħtieġa u l-aġġornamenti tekniċi minimi li ġejjin biex timplimenta r-Regolament Bażiku:

    i. Iż-żieda tat-terminu **awtorità kompetenti** (Artikolu 3 ġdid tal-abbozz tar-Regola ta' Implimentazzjoni). Din il-bidla hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8b u 22a. Dan it-terminu jirrikonoxxi l-awtoritajiet kompetenti li ġejjin: l-Awtorità Nazzjonali ta' Sorveljanza (National Supervisory Authority - NSA) kif definita fir-Regolament (KE) Nru 549/2004, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1070/2009; l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti għas-sorveljanza f'FAB kif stabbilit mill-Istati Membri involuti fl-arranġament tal-FAB, jekk dawn ikunu differenti mill-NSA; u l-Aġenzija kif mitluba fl-Artikolu 22a tar-Regolament Bażiku għal fornituri ta' servizzi pan-Ewropej u għal fornituri ta' servizzi li jinsabu barra t-territorju fejn japplika t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, iżda li jipprovdu servizzi fl-ispazju tal-ajru ta' dak it-territorju. Aktar dettalji dwar l-Aġenzija bħala awtorità kompetenti huma inklużi fil-paragrafu c).

    ii. Id-**definizzjoni ta' servizz pan-Ewropew**. Din id-definizzjoni hija meħtieġa biex ikompli jiġi implimentat l-Artikolu 22a. L-għan ta' din id-definizzjoni huwa li din tgħin biex jiġu identifikati aħjar dawk is-servizzi pan-Ewropej. Dawn huma s-servizzi

[10] http://www.easa.europa.eu/atm/.

li huma mfassla u stabbiliti biex ikunu disponibbli għall-utenti fil-maġġoranza tal-Istati Membri jew f'kollha kemm huma. It-terminu 'il-maġġoranza tal-Istati Membri jew kollha kemm huma' huwa meħtieġ biex ikopri l-każijiet li fihom is-servizz, għalkemm imfassal biex ikun pan-Ewropew, jista' ma jkunx disponibbli għall-utenti f'kull Stat Membru (pereżempju; kostellazzjoni tas-satellita ma tipprovdix kopertura lill-Istati Membri kollha).

iii. Iż-żieda ta' **referenzi għar-Regolament Bażiku** fejn ikun instab li dawn huma meħtieġa għaċ-ċertezza legali. Dawn il-bidliet proposti jimplimentaw ir-Regolament Bażiku u huma r-riżultat dirett tal-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolamentazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru.

iv. Ir-referenzi għal **Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza (NSA)** kif speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 549/2004 kif emendat mir-Regolament (KE) 1070/2009 ġew **sostitwiti minn** referenzi għal **awtoritajiet kompetenti** fejn tqies li kien meħtieġ (pereżempju fil-każ tad-dispożizzjonijiet relatati mar-reviżjoni minn pari dan ma kienx meqjus bħala meħtieġ). Xi partijiet interessati staqsew dwar il-bażi legali tal-Aġenzija biex tesegwixxi ċerti kompiti bħala awtorità kompetenti u talbu biex dejjem jiġi speċifikat min hija l-awtorità kompetenti (NSA jew Aġenzija). Fl-opinjoni tal-Aġenzija, ma hemmx bżonn li dan jiġi speċifikat f'kull dispożizzjoni tal-abbozz tar-regolamenti minħabba li dan jirrepeti l-kompiti u r-responsabbiltajiet li diġà huma speċifikati fir-Regolament Bażiku. Pereżempju, fil-każ ta' dak li kien l-Artikolu 6 (l-Artikolu 7 ġdid) 'Faċilitazzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità', it-terminu NSA ġie sostitwit minn awtorità kompetenti. Madankollu, f'dan il-każ, huwa ċar li l-awtorizzazzjoni tal-ispetturi tal-Aġenzija hija diġà żgurata permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament Bażiku 'Investigazzjoni tal-impriżi'.

v. It-terminu **organizzazzjoni rikonoxxuta** ġiet **sostitwita** mit-terminu **entità kwalifikata**. Dan huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 kien emendat mir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 li jissostitwixxi t-terminu "organizzazzjoni rikonoxxuta" b'"entità kwalifikata".

vi. Il-**premessi** ġew aġġornati wkoll biex jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni tal-lum, il-bażi legali l-ġdida, il-bażi għar-regola ta' implimentazzjoni proposta u l-fażijiet futuri tar-regolamentazzjoni f'dan il-qasam.

vii. L-introduzzjoni ta' **xi bidliet fil-proċess tar-reviżjoni minn pari**. Matul l-34 laqgħa tal-SSC, ġie diskuss il-proċess tar-reviżjoni minn pari u kienet it-talba ta' wħud mill-Istati Membri li l-Aġenzija tiġi inkluża bħala parti mill-proċess ta' reviżjoni minn pari. Għalhekk, l-Aġenzija pproponiet modifiki sempliċi ħafna għal dan li qabel kien l-Artikolu 9 (Artikolu 10 ġdid). Minbarra dan, u fuq il-bażi tal-pariri mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea, sa issa għadha ma ttieħdet ebda deċiżjoni ċara dwar jekk ir-reviżjonijiet minn pari humiex sejrin jitkomplew wara l-ewwel rawnd li mistennija tiġi konkluża fl-aħħar tal-2012. Għal din ir-raġuni, u fuq il-bażi tal-pariri tal-Kummissjoni Ewropea, il-proposta hija li l-kelma 'għandha' tiġi sostitwita mill-kelma 'tista''.

Għalkemm it-terminu 'reviżjoni minn pari' jew l-ambitu jew l-objettivi ta' dawn ir-reviżjonijiet minn pari ma ġewx definiti fir-Regolament (KE) Nru. 2096/2005, fil-fehma tal-Aġenzija, prattiċi simili għar-reviżjonijiet minn pari (eżerċizzju ta' għallem u titgħallem, skambju ta' esperjenzi ta' implimentazzjoni, konklużjonijiet miftiehma tal-aqwa prattiki operattivi, eċċ.) huma diġà koperti mill-hekk imsejħa 'Laqgħat ta' standardizzazzjoni' li jeżistu f'oqsma oħrajn tal-avjazzjoni (eż. l-ajrunavigabbiltà, l-operazzjonijiet tal-ajru, il-ħruġ ta' liċenzji għall-ekwipaġġ tat-titjir). Barra minn hekk, l-intenzjonijiet tal-Aġenzija huma li testendi dawn il-'Laqgħat ta' standardizzazzjoni' għall-oqsma tal-ATM/ANS u l-ajrudromi biex tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti bil-forum meħtieġ biex jiddiskutu kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni, biex jipprovdu eżerċizzju ta' 'għallem u titgħallem' u wkoll biex

jiddiskutu kwistjonijiet ta' sikurezza li huma komuni għas-sistema tal-avjazzjoni kollha kemm hi. L-Aġenzija tifhem li din ix-xorta ta' kooperazzjoni volontarja ma għandhiex bżonn tiġi rregolata.

viii. L-introduzzjoni tad-**dispożizzjonijiet transitorji u r-revoki** tar-regolamenti eżistenti. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu meħtieġa biex jikkjarifikaw li:

- Iċ-ċertifikati eżistenti kollha tal-ANSPs li nħarġu skont ir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 huma konswetudinarji;
- Dawk l-applikanti li jkunu applikaw mal-awtorità kompetenti rilevanti għaċ-ċertifikat tal-ANSP tagħhom qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost għandhom juru konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-regolament propost u, għalhekk, jinħarġilhom ċertifikat tal-ANSP skont ir-Regolament propost. L-opinjoni tal-Aġenzija hija li ma hemmx bżonn ta' perjodu ta' transizzjoni għall-applikazzjonijiet eżistenti li għadhom għaddejjin, billi l-bidliet imsemmija fuq ma jħallu ebda impatt fuq il-wiri tal-konformità mar-rekwiżiti mill-perspettiva tal-applikant. Il-paragrafu 2 jispjega d-dispożizzjonijiet transitorji għal dawk il-każijiet li fihom ikun hemm bidla ta' awtorità kompetenti għall-funzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza bl-applikazzjoni tar-regolamenti l-ġodda;
- Għal dawk il-każijiet fejn l-Aġenzija tkun l-awtorità kompetenti għall-ANSPs (fil-każ ta' forrnituri ta' servizzi pan-Ewropej u fil-każ ta' forrnituri ta' servizzi li jkunu jinsabu barra l-Unjoni Ewropea) għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 3. Dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa biex jiggarantixxu l-kontinwità tal-proċess ta' ċertifikazzjoni diġà mibdi mill-awtorità(/ajiet) tal-Istat(i) Membru(/i) u biex jiżguraw transizzjoni mingħajr xkiel għal dawk l-applikanti. Il-proposta tal-Aġenzija hija li tippermetti l-kontinwazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija, u li l-attivitajiet ta' sorveljanza jiġu trasferiti lill-Aġenzija wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat.
- 20 jum wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament propost, ladarba jiġi adottat, l-applikanti li japplikaw għaċ-ċertifikati tal-ANSP għandhom imbagħad japplikaw dan ir-Regolament; u
- Ir-**revoka tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u tar-Regolament (KE) Nru 668/2008 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 482/2008 minħabba li dawn ir-rekwiżiti huma għal kollox inklużi fir-Regolament propost.**

12. Fir-rigward tar-**referenzi għall-Annessi tal-ICAO**, l-Aġenzija hija konxja li sa mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 668/2008, l-Annessi tal-ICAO ġew emendati kif ġej:

i. **Anness 2**, l-10 ed. Lulju 2005 amd san-**Nru 40** kien emendat sa amd **Nru 42;**

ii. **Anness 3**, is-16-il ed. Lulju 2007 amd san-Nru 74;

iii. **Anness 4**, l-**10 ed. Lulju 2001** amd san-Nru 54 kien emendat sal-**11-il ed. Lulju 2009;**

iv. **Anness 10 vol I**, is-6 ed. Lulju 2006 amd san-**Nru 82** kien emendat sa amd **Nru 84;**

v. **Anness 10 vol I**, is-6 ed. Ottubru 2001 amd san-**Nru 82** kien emendat sa amd **Nru 84;**

vi. **Anness 10 vol III**, it-2 ed. Lulju 2007 amd san-**Nru 82** kien emendat sa amd **Nru 84;**

vii. **Anness 10 vol IV**, ir-4 ed. Lulju 2007 amd san-**Nru 82** kien emendat sa amd **Nru 84;**

viii. **Anness 10 vol V**, it-2 ed. Lulju 2001 amd san-**Nru 82** kien emendat sa amd **Nru 84;**

ix. **Anness 11**, it-13-il ed. Lulju 2001 amd san-**Nru 45** kien emendat sa amd **Nru 47-B;**

x. **Anness 14**, vol I ir-**4 ed. Lulju 2004** amd san-Nru 9 kien emendat sal-**5 ed. Lulju 2009;**

xi. **Anness 14**, vol II it-**2 ed. Lulju 1995** amd san-Nru 3 kien emendat sat-**3 ed. Lulju 2009;**

xii. **Anness 15**, it-12-il ed. Lulju 2004 amd san-**Nru 34** kien emendat sa amd **Nru 35**

13. L-Aġenzija għadha ma introduċietx dawn ir-referenzi aġġornati fl-abbozz tar-Regolament għal din l-Opinjoni. Madankollu, u sabiex tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago (irreferi għall-Artikolu 2.2(d) tar-Regolament Bażiku), l-Aġenzija tipproponi li tanalizza l-bidliet li jirriżultaw mill-aħħar verżjonijiet tal-Annessi sabiex tkun tista' tevalwa u tivvaluta l-impatti tal-implimentazzjoni tagħhom, u biex toħroġ Opinjoni xierqa lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.

Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li t-traspożizzjoni tal-Istandards tal-ICAO u l-Prattiki Rakkomandati rilevanti li jsiru matul it-tieni fażi jagħmlu dawn ir-referenzi mhux meħtieġa u għalhekk tiġi sostitwita mill-miżuri xierqa tal-Unjoni.

14. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni adottat dan l-aħħar dwar l-iskema tal-prestazzjoni għas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u l-funzjoni tan-netwerk jirrikjedi emenda fis-Sezzjoni 2.2 u s-Sezzjoni 9 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005. F'din l-Opinjoni, l-Aġenzija tipproponi li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u li tissostitwixxih b'dan ir-Regolament. Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija hija li l-emendi meħtieġa mir-Regolament dwar l-iskema ta' prestazzjoni jiġu inkorporati fil-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament.

15. Minbarra l-aġġornamenti tekniċi minimi ppreżentati hawn fuq, u l-kwistjonijiet li l-Aġenzija qiegħda tipproponi li temenda fuq il-bażi tal-paragrafu 11, l-Aġenzija, fuq il-pariri mogħtija mill-esperti tal-gruppi tar-regolamentazzjoni ATM.001 u ATM.004, identifikat l-oqsma li ġejjin fejn hemm bżonn ta' titjib. Flimkien mal-esperti, l-Aġenzija wettqet valutazzjoni preliminari ta' dan it-titjib għall-adattabilità, il-maturità u l-possibbiltà li jiġi inkluż bħala parti mill-proċess 'rapidu'. Madankollu, <u>kif ġie konkluż mil-laqgħat tal-SSC imsemmija hawn fuq u minħabba n-nuqqas ta' proċess normali ta' konsultazzjoni għat-tfassil ta' regoli, l-Aġenzija għadha ma inkludietx dan it-titjib bħala parti mir-regolamenti proposti.</u> Għalhekk, fil-fehma tal-Aġenzija, dawn il-proposti li ġejjin għat-titjib għandhom jiġu stabbiliti bħala prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati matul it-tieni fażi tal-proċess tat-tfassil ta' regoli flimkien mat-traspożizzjoni tal-Istandards tal-ICAO u l-Prattiċi Rakkomandati rilevanti:

i. Id-dispożizzjonijiet għad-**derogi** li jinsabu fl-Artikolu 5 tar-Regolament propost: anki li kieku l-Aġenzija ttrasponiet id-dispożizzjonijiet eżistenti f'dak li qabel kien l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea u kkonfermat mill-SSC, l-Aġenzija tixtieq tenfasizza li t-traspożizzjoni kelma b'kelma ta' dan l-artikolu tista' tqajjem xi kwistjonijiet f'termini tal-kompatibbiltà mar-Regolament Bażiku. L-ewwel nett, minħabba li huwa stabbilit li ċ-ċertifikat għandu jkun limitat għall-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li ħarġitu. Dan jista' jiġi interpretat bħala li mhuwiex konsistenti mal-Artikolu 11 tar-Regolament Bażiku. It-tieni nett, l-Aġenzija hija tal-fehma li l-abbozzar oriġinali tal-artikolu ma jistabbilixxix il-livell ta' ċertezza legali li huwa meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat l-għan tal-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti tas-sikurezza fl-avjazzjoni stabbiliti mir-Regolament Bażiku. Minbarra l-esklużjoni ta' xi dispożizzjonijiet li ma jistgħux ikunu soġġetti għal derogi, l-Aġenzija tifhem li ma ngħataw ebda kriterji li fuqhom għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti għall-ANSPs soġġetti għal-derogi. Dan jista' joħloq sitwazzjoni fejn kriterji differenti ħafna jkunu jistgħu jiġu applikati minn awtoritajiet kompetenti differenti, li potenzjalment iwasslu għal sitwazzjonijiet fejn applikanti simili jkunu meħtieġa biex jikkonformaw

ma' rekwiżiti differenti ħafna. Dan ma jfissirx li l-Aġenzija tqis li l-ebda flessibbiltà mhija possibbli. Huwa preċiżament għal din il-flessibbiltà li r-Regolament Bażiku jipprova jiżgura fl-Artikolu 14 tiegħu, li jistabbilixxi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddevjaw mir-rekwiżiti taħt ċirkostanzi speċifiċi, iżda b'mod trasparenti għal kollox u taħt l-iskrutinju tal-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija u mill-Istati Membri l-oħrajn. B'mod speċifiku, l-Artikolu 14(6) tar-Regolament Bażiku jikkontempla b'mod preċiż it-tip ta' sitwazzjoni li hija koperta mill-Artikolu 5 tal-abbozz tar-Regolament, u li tista' tintuża biex tkopri dawn il-każijiet b'vantaġġi ċari għas-sikurezza u l-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti.

Minbarra dan, l-Artikolu 8b(3) tar-Regolament Bażiku jitlob lill-Aġenzija biex tipproponi regoli ta' implimentazzjoni li jipprovdu l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddeċiedu taħt liema kundizzjonijiet il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni waqt it-titjir għandhom jitħallew jiddikjaraw is-servizzi li jipprovdu. Minħabba l-proċess 'rapidu', sa issa l-Aġenzija għadha ma setgħetx tagħmel proposta bħal din.

Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-Aġenzija sejra tkompli tevalwa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 propost dwar id-derogi bil-għan li timplimenta l-Artikolu 8b(3) u bil-għan li tipprovdi l-flessibbiltà u l-proporzjonalità meħtieġa għal dawk l-ANSPs li llum huma soġġetti għal derogi. Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija sejra tagħmel l-emendi rilevanti kif xieraq fit-tieni fażi.

Finalment, għandu jiġi miżjud li l-Aġenzija tqis li wħud mir-rekwiżiti li minnhom id-derogi huma possibbli llum il-ġurnata għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid fit-tieni fażi. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti fil-paragrafi 2.1, 3.2(b), 3.3 tal-Anness I, huma, fil-fehma tal-Aġenzija, mhux biss elementi essenzjali tas-sikurezza, iżda wkoll flessibbli biżżejjed biex jippermettu l-implimentazzjoni mill-ANSPs kollha.

ii. L-hekk imsejħa '**<u>rekwiżiti mhux relatati mas-sikurezza</u>**' (pereżempju; rekwiżiti għall-ANSPs biex ikollhom pjan tan-negozju) għaċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs, kif ukoll id-definizzjoni u l-identifikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhux relatati mas-sikurezza. Is-suġġett ġie diskuss fit-tul mal-esperti tal-gruppi tat-tfassil ta' regoli. Matul l-34 laqgħa tal-SSC, ġie deċiż li l-Kummissjoni Ewropea ser tagħmel proposta għall-kunsiderazzjoni tal-SSC. Il-proposta tal-Aġenzija tista' tiġi emendata mill-Kummissjoni Ewropea, jiddependi mill-eżitu ta' din id-diskussjoni. Kif issemma diġà hawn fuq, l-Aġenzija ntalbet tikkopja dawk id-dispożizzjonijiet u għalhekk iżżomm il-bażi legali doppja (ir-Regolament Bażiku tal-EASA u r-Regolament (KE) Nru 550/2004).

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għar-responsabbiltajiet tal-Aġenzija bħala l-awtorità kompetenti għal Fornituri ta' Servizzi pan-Ewropej u għal fornituri ta' servizzi li jinsabu barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea, il-fehmiet tal-Aġenzija huma pprovduti hawn taħt fil-paragrafu (c).

iii. L-introduzzjoni ta' **<u>sistemi ta' ġestjoni</u>** kif mitlub mill-kapitolu 5(a)(iii) tar-Rekwiżiti Essenzjali fl-Anness Vb. L-intenzjoni tal-ko-leġiżlatur Ewropew (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew) kienet li jintegra r-rekwiżiti għas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità u s-sikurezza, billi jirrikjedi sistema ta' ġestjoni integrata. Dan għandu jippermetti lill-fornituri tas-servizzi u lill-organizzazzjonijiet b'mod ġenerali, biex jadattaw is-sistemi tal-ġestjoni tagħhom għad-daqs tagħhom u għall-ambitu u l-kumplessità tas-servizzi li jipprovdu. Dan l-approċċ għandu l-benefiċċju li jirrikjedi sistema ta' ġestjoni waħda biss minflok tnejn (jew saħansitra tlieta, flimkien mas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza) meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2096/2005. Barra minn hekk, dan l-approċċ huwa promoss ukoll mill-Manwal tal-ICAO dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza[11] u għandu jiffaċilita l-integrazzjoni tal-ATM/ANS fl-approċċ tas-sistema totali għar-regolament dwar is-

[11] Manwal tal-ICAO dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza, it-Tieni Edizzjoni – 2009 (Dok 9859-AN/474).

sikurezza[12]. Minn dan jistgħu jibbenifikaw l-ANSPs minħabba li jingħataw flessibbiltà għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti, filwaqt li tiġi żgurata l-armonizzazzjoni, billi l-elementi tas-sistema ta' ġestjoni jkunu definiti b'mod ċar. Dan għandu jippermetti l-eżistenza ta' Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMCs) u Materjal ta' Gwida (GM) differenti għal tip differenti ta' ANSPs u għal tip differenti ta' servizzi. Benefiċċju addizzjonali tas-sikurezza jkun il-faċilitazzjoni u l-valutazzjoni tal-interfaċċji tal-ANSPs ma' organizzazzjonijiet oħrajn tal-avjazzjoni, bħal operaturi tal-ajrudromi jew operaturi tal-ajru, permezz tal-applikazzjoni tal-istess sett ta' rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni. Jidher ċar li wieħed mir-riskji tas-sikurezza identifikati u magħrufa sewwa fil-katina tal-avjazzjoni huwa l-interfaċċja bejn organizzazzjonijiet differenti involuti fis-sistema tal-avjazzjoni u l-identifikazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-ġestjoni tar-riskji globali.

L-esperti studjaw proposti differenti għall-proċess 'rapidu' u ppreżentawhom lill-membri tal-grupp tat-tfassil ta' regoli ATM.001 u lil partijiet interessati differenti. Madankollu, id-deċiżjonijiet meħuda fl-34 laqgħa tal-SSC ma ppermettewx lill-Aġenzija tinkludi dan it-tibdil bħala parti mill-proċess 'rapidu'. Għalhekk, l-Aġenzija tista' biss tenfasizza dan bħala wieħed mill-aktar titjib importanti li għandu jsir bħala parti mit-tieni fażi.

L-unika bidla relatata li tqieset bħala xierqa għall-proċess 'rapidu' kienet li tiżdied sentenza fl-Anness I biex jiġi kkjarifikat li l-ANSPs jistgħu jiddeċiedu li jintegraw is-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità u s-sikurezza f'sistema ta' ġestjoni waħda. Din id-dispożizzjoni ma tipprojbixxix lill-ANSPs milli jintegraw ukoll sistemi oħrajn ta' ġestjoni (pereżempju; bħas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza) flimkien.

iv. Proposta għat-titjib tar-**<u>rekwiżiti tas-sikurezza fuq il-valutazzjoni tar-riskji u l-mitigazzjoni</u>** fir-rigward tal-bidliet (dak li kien il-paragrafu 3.2 tal-Anness II tar-Regolament 2096/2005) u r-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti għas-sorveljanza tas-sikurezza ta' bidliet għal sistemi funzjonali (dak li kien l-Artikolu 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007):

Fuq il-bażi tal-eżitu tal-ħidma tal-EUROCONTROL fuq skema ta' klassifikazzjoni tar-riskji, wara l-mandat mogħti mill-Kummissjoni Ewropea u wara l-adozzjoni tar-Regolament Bażiku li jestendi s-sistema tal-EASA għall-qasam tal-ATM/ANS, l-Aġenzija, flimkien ma' grupp informali ta' esperti mill-NSAs u l-ANSPs Ewropej ewlenin, wettqet analiżi tad-dispożizzjonijiet eżistenti fir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1315/2007 dwar ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-bidliet u s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn il-bidliet. L-intenzjoni kienet li jsiru proposti u rakkomandazzjonijiet lill-gruppi tat-tfassil ta' regoli ATM.001 u ATM.004. Il-konklużjonijiet ewlenin tar-reviżjoni huma miġbura fil-qosor hawn taħt:

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti huma diffiċli wisq biex jiġu interpretati u anki biex jiġu applikati f'xi każijiet. Termini bħal 'parti kostitwenti', 'perikli kredibbli relatati mal-ATM' u l-applikazzjoni tal-metodoloġija kwantitattiva meħtieġa u tat-tabella tal-klassi tas-severità fil-każ ta' bidliet relatati mal-bnedmin u l-

---

[12] Il-kunċett ta' '*approċċ ta' sistema totali'* għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza ġie introdott fl-Avviż tal-Aġenzija tal-Emenda Proposta 2008-22. Dan l-NPA jipproponi li l-hekk imsejħa rekwiżiti tal-'organizzazzjoni' għall-organizzazzjonijiet irregolati tal-avjazzjoni jiġu inklużi f'regola ta' implimentazzjoni waħda applikabbli għall-organizzazzjonijiet irregolati kollha tal-avjazzjoni (Parti-OR). Bl-istess mod, l-istess NPA jipproponi li r-rekwiżiti tal-awtorità korrispondenti jiġu inklużi f'regola ta' implimentazzjoni waħda applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw dawn l-organizzazzjonijiet (Parti-AR). Dawk ir-rekwiżiti komuni tal-organizzazzjoni li huma applikabbli għall-organizzazzjonijiet kollha (eż. sistema ta' ġestjoni, ħtiġijiet personali ġenerali, faċilitajiet u ż-żamma ta' reġistri bejn oħrajn) huma ġeneralizzati f'dik li ssejħet subparti OR.GEN. Dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull tip ta' organizzazzjoni tal-avjazzjoni (eż. ANSPs, organizzazzjonijiet ta' taħriġ, operaturi tal-ajru, operaturi tal-ajrudromi) ikun fihom rekwiżiti addizzjonali ta' organizzazzjoni f'subpartijiet addizzjonali (eż. OR.ATO, OR.OPS).

proċeduri ma kinux faċli biex jiġu interpretati u lanqas ma kienu applikati b'mod uniformi, jekk kienu applikati, fost l-Istati Membri differenti.

- Il-kriterji pprovduti lill-awtoritajiet kompetenti għad-deċiżjoni tagħhom dwar jekk għandhomx jirrevedu jew le l-bidla proposta mill-organizzazzjoni jeħtieġ li jittejbu wkoll, minħabba li l-kriterji eżistenti, ibbażati fuq il-perikli minflok fuq ir-riskji, fl-aħħar mill-aħħar ifissru li l-awtorità kompetenti għandha tirrevedi kważi l-bidliet kollha.

- L-Aġenzija tqis li jkun hemm benefiċċji sinjifikanti fl-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat aktar fuq il-prestazzjoni għar-regolamentazzjoni tal-valutazzjoni tas-sikurezza tal-bidliet u għas-sorveljanza tas-sikurezza tagħhom. Bl-integrazzjoni tar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet assoċjati għall-ġestjoni tal-bidliet, il-kjarifika tal-proċessi assoċjati għan-notifika u r-reviżjoni tal-bidliet fil-livell tar-regoli ta' implimentazzjoni u billi jipprovdu l-metodoloġiji li għandhom jintużaw għat-tipi differenti ta' bidliet għal tipi differenti ta' sistemi funzjonali fl-AMCs u l-GMs, ir-rekwiżiti jkunu jistgħu jinftiehmu u jiġu applikati b'mod aktar faċli. L-Aġenzija tqis li huwa biss meta r-rekwiżiti jkunu ċari u faċli biex jiġu interpretati u meta r-responsabbiltajiet u l-proċessi jkunu allokati b'mod ċar, li r-rekwiżiti jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod uniformi u s-sikurezza tkun tista' tittejjeb.

- In-nuqqas ta' AMCs u GMs taħt il-qafas regolatorju tal-SES għamilha diffiċli li tiġi adottata tali sistema għas-sett inizjali tar-Regolamenti tal-SES. Madankollu, il-qafas regolatorju tal-EASA joffri din il-possibbiltà. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba sa issa bl-applikazzjoni tal-AMCs u l-GMs f'oqsma oħrajn tal-avjazzjoni (pereżempju; l-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni) u fuq il-proposti eżistenti biex jiġu ttrattati AMCs alternattivi, il-livell mixtieq ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea — li huwa ferm meħtieġ għall-iżvilupp u l-funzjonament mingħajr periklu tal-Blokok ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali (Functional Airspace Blocks - FAB) u l-Ajru Uniku Ewropew — sejjer ikun garantit. Dan sejjer jinkoraġġixxi wkoll il-flessibbiltà, billi jippermetti approċċi standardizzati li jkunu l-aktar addatti għat-tip ta' tibdil u l-operazzjonijiet taħt kunsiderazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li jinbidel ir-Regolament jew li ssir talba sabiex isiru d-derogi. Dan sejjer jipprovdi wkoll il-mezzi li jiżviluppaw u jaġġornaw dawn l-approċċi biex ikunu jħaddnu l-aqwa prattiki reċenti.

- Fuq il-bażi tal-valutazzjoni inizjali tal-impatt regolatorju mwettqa mill-Aġenzija meta vvalutat l-għażliet possibbli biex ittejjeb dawn id-dispożizzjonijiet, l-għażla ppreferuta tal-Aġenzija kienet tkun li tintegra r-regoli ta' implimentazzjoni billi tagħmilhom aktar ibbażati fuq il-prestazzjoni. Ir-regoli ta' implimentazzjoni seta' jkollhom l-objettivi tas-sikurezza li kellhom bżonn jintlaħqu u l-AMCs u l-GMs seta' jkollhom id-dettalji tekniċi dwar kif għandhom jintlaħqu l-għanijiet tas-sikurezza. Dan l-approċċ diġà kien ġie adottat għaċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, u dan jista' jkun ukoll aktar addatt għall-qasam tal-ATM/ANS li jiddependi ħafna fuq it-teknoloġija u li huwa bbażat aktar u aktar fuq sistemi kumplessi ħafna u integrati fl-art u fl-ajru.

Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq u bil-għan li tittejjeb is-sistema, dan il-grupp informali ta' esperti żviluppa proposta u mbagħad ippreżentaha lill-membri ta' ATM.001 u ATM.004, bl-appoġġ tal-konklużjonijiet inizjali tal-valutazzjoni tal-impatt regolatorju. Għal darb'oħra, id-deċiżjonijiet meħuda fl-34 laqgħa tal-SSC ma ppermettewx lill-Aġenzija tinkludi din il-bidla f'dan iż-żmien.

v. Proposta għall-**integrazzjoni tar-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet** (f'dan il-każ l-ANSPs) **f'Regolament wieħed** u tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti f'Regolament ieħor. Dan kien jirrikjedi t-trasferiment tar-rekwiżiti tal-awtorità li huma inklużi fir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 taħt l-istess regolament bħar-rekwiżiti għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ANSPs u l-organizzazzjonijiet li

jipprovdu l-ATFM u l-ASM. Ir-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti fir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 huma dawk indirizzati lill-Istati Membri jew lill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza, bħar-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs, il-konformità u l-infurzar kontinwi, flimkien mar-rekwiżiti għal reviżjoni minn pari, fost l-oħrajn ir-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet (l-ANSPs u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-ATFM u l-ASM) fir-Regolament (KE) Nru 1315/2007, jiġifieri dawk li jagħtu s-setgħa għall-iżvilupp ta' proċeduri għall-valutazzjoni tas-sikurezza ta' bidliet fis-sistemi funzjonali, in-notifika tal-bidliet ta' sikurezza fis-sistemi funzjonali, kif ukoll ir-rekwiżiti dwar kif jistgħu jiġu ttrattati s-sejbiet tal-verifika mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tal-monitoraġġ tal-konformità tagħhom, suppost li kellhom jiġu trasferiti fir-Regolament għall-organizzazzjonijiet. L-Aġenzija tqis li din il-proposta kellha ttejjeb ir-regolamenti eżistenti billi tikkjarifika r-responsabbiltajiet għall-ANSPs u l-awtoritajiet kompetenti, tiżgura l-konsistenza u tiffaċilita l-integrazzjoni fl-istruttura regolatorja globali li timplimenta l-approċċ tas-sistema totali. Madankollu, l-ambiti tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007 huma differenti (ir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 japplika biss għaċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs u r-Regolament (KE) Nru 1315/2007 japplika għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ANSPs u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-ATFM u l-ASM). Għalhekk, kien hemm il-bżonn li t-trasferiment tad-dispożizzjonijiet bejn iż-żewġ regolamenti jkun ifisser li r-rekwiżiti eżistenti għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-ATFM u l-ASM jitwaqqfu sakemm jiġi żviluppat is-sett sħiħ ta' rekwiżiti għal dawn l-organizzazzjonijiet. Għalkemm fil-fehma tal-Aġenzija dan seta' jissolva faċilment, għal darb'oħra, id-deċiżjonijiet ta' livell għoli talbu lill-Aġenzija biex tipposponi din l-emenda għat-tieni fażi.

vi. **<u>Proposta għat-titjib tar-rekwiżiti għall-persunal tekniku u tal-inġinerija li jwettaq kompiti relatati mas-sikurezza</u>** fl-Artikolu 9 u fil-paragrafu 3.3 tal-Anness II tiegħu. L-Artikolu 9 preżenti jitlob lill-Istati Membri biex joħorġu regoli xierqa dwar is-sikurezza għall-persunal tekniku u tal-inġinerija li jwettaq kompiti operattivi relatati mas-sikurezza. L-intenzjoni tal-Aġenzija hija li tistabbilixxi rekwiżiti komuni f'dan il-qasam, wara evalwazzjoni tal-adattabilità u l-konsistenza mal-qafas regolatorju tal-ħidma mwettqa mill-EUROCONTROL biex jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet li jkun fihom skemi ta' kompetenza u valutazzjoni tal-kompetenza għall-persunal tal-inġinerija tal-ATS (ATSEPs) u wkoll wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-diskussjonijiet kontinwi bejn il-partijiet rilevanti (ANSPs u persunal tekniku u tal-inġinerija). Għal dan il-għan, l-Aġenzija, fuq il-bażi tal-input ipprovdut minn xi esperti mill-gruppi tat-tfassil ta' regoli, ipproponiet definizzjoni u rekwiżiti għall-ANSPs biex jimplimentaw proċedura li tiddefinixxi l-kompiti relatati mas-sikurezza u tistabbilixxi rekwiżiti tat-taħriġ li jkunu jikkonsistu minn skemi ta' kompetenza u valutazzjoni tal-kompetenza għall-persunal rilevanti tal-inġinerija. Madankollu, għal darb'oħra ma kienx possibbli għall-Aġenzija li twettaq din il-ħidma matul il-proċess 'rapidu', u din għandha titqies bħala prijorità għat-tieni fażi. Sadanittant, u mingħajr preġudizzju għall-premessa 17 tar-Regolament Bażiku, huwa importanti li jiġi enfasizzat li, fil-fehma tal-Aġenzija, l-intenzjoni tal-leġiżlatur Ewropew kienet li l-kompetenzi għall-iżvilupp tar-regoli ta' sikurezza għall-persunal tal-inġinerija jiġu trasferiti lill-Unjoni Ewropea permezz tar-Regolament Bażiku. Barra minn hekk, l-Aġenzija tqis li ż-żamma ta' din il-possibbiltà tista' potenzjalment iżżid id-diffikultà tal-kompitu tal-Aġenzija għat-tieni fażi billi l-Istati Membri jistgħu jkomplu jiżviluppaw rekwiżiti nazzjonali ġodda, filwaqt li l-Aġenzija tinsab fil-proċess li tevalwa s-sistema eżistenti biex tipproponi regoli mifruxa madwar l-Ewropa. Madankollu, fuq il-bażi tal-mandat mogħti lill-Aġenzija, ġie deċiż li ma tiġi proposta ebda bidla f'dawn id-dispożizzjonijiet bħala parti mill-ewwel fażi.

vii. Fil-fehma tal-Aġenzija, ir-Regolament eżistenti (KE) Nru 2096/2005 jista' jittejjeb fir-rigward tar-**<u>responsabbiltajiet tal-ANSPs</u>** meta jallokaw ċerti attivitajiet, bħall-manutenzjoni ta' ċertu tagħmir, lil **<u>organizzazzjonijiet kuntrattati</u>**. Hemm

ċerti rekwiżiti fir-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li l-ANSPs iridu jissodisfaw, fir-rigward tal-persunal tal-inġinerija, meta huma jużaw dawk li ssejħu 'organizzazzjonijiet operattivi subkuntrattati'. L-Aġenzija tifhem li r-regolamenti eżistenti jibbenifikaw minn kjarifika tad-definizzjoni ta' 'organizzazzjoni operattiva' (id-definizzjoni attwali tista' tiġi interpretata daqslikieku dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jipprovdu servizzi mingħajr ma jkunu ċċertifikati) u tat-terminu organizzazzjoni 'subkuntrattata' u r-responsabbiltajiet, jekk ikun hemm, tal-ANSPs fir-rigward tal-partijiet terzi (organizzazzjonijiet kuntrattati mill-organizzazzjoni kuntrattata direttament mill-ANSPs). Id-dispożizzjonijiet eżistenti sejrin jiġu evalwati u vvalutati matul it-tieni fażi.

16. Kif ġie spjegat diġà hawn fuq, l-Aġenzija tara r-Regolamenti proposti bħala l-ewwel pass tal-implimentazzjoni tal-estensjoni tas-sistema regolatorja Ewropea tas-sikurezza fl-avjazzjoni għall-qasam tal-ATM/ANS. Fil-fehma tal-Aġenzija, l-oqsma ta' titjib identifikati diġà għandhom ċertament itejbu s-sistema, u dawn l-oqsma, flimkien mat-traspożizzjoni tal-ICAO SARPs rilevanti, għandhom ikunu l-ewwel prijoritajiet għat-tfassil ta' regoli fit-tieni fażi.

17. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li fl-Artikolu 8b tar-Regolament Bażiku hemm dispożizzjonijiet li ma ġewx implimentati b'dawn ir-Regolamenti proposti. Dawn jinkludu, pereżempju, dawn li ġejjin:

i. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 8b(3) tar-Regolament Bażiku, kif ġie spjegat diġà hawn fuq;

ii. L-implimentazzjoni tal-Artikolu 8b(4) u (5) tar-Regolament Bażiku. L-għażliet għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet sejrin jiġu evalwati u vvalutati bħala parti mill-kompitu tat-tfassil ta' regoli ta' ATM.005 fil-futur.

iii. L-iżvilupp ta' miżuri għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi li jikkonsistu fl-oriġinazzjoni u l-ipproċessar tad-data u l-ifformattjar u l-kunsinna ta' data lit-traffiku tal-ajru ġenerali għall-iskop tan-navigazzjoni tal-ajru li hija kritika għas-sikurezza. L-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażliet għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, fuq il-bażi tal-proċessi eżistenti fi ħdan is-sistema tal-EASA (Ittri ta' Aċċettazzjoni), kif xieraq, sejrin jitwettqu matul it-tieni fażi.

18. Din it-tieni fażi sejra tiġi żviluppata b'konformità mal-proċeduri tat-tfassil ta' regoli tal-Aġenzija.

### b) *Rekwiżiti dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru*

19. Kif ġie spjegat hawn fuq, fuq il-bażi tat-talba mill-Kummissjoni Ewropea għal traspożizzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 mingħajr aktar dewmien, l-Aġenzija ttrasferixxiet dan ir-Regolament f'regola ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament Bażiku bl-introduzzjoni tal-bidliet meħtieġa u l-aġġornamenti tekniċi minimi. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala bidliet meħtieġa:

i. L-introduzzjoni tat-terminu **'awtorità kompetenti'** f'Artikolu 3 ġdid. Din hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 8b u 22a tar-Regolament Bażiku. Skont din id-dispożizzjoni, is-sorveljanza tal-organizzazzjonijiet li għandhom il-post tal-operat prinċipali tagħhom fi Stat Membru għandha ssir mill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza ta' dak l-Istat Membru (kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Qafas, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1070/2009) jew mill-awtorità jew l-awtoritajiet kif stabbilit fil-ftehim konkluż mill-Istati Membri involuti fl-arranġamenti tal-FAB, jekk il-ftehim jispeċifika li l-awtorità kompetenti hija differenti mill-NSA. Is-sorveljanza tal-organizzazzjoni li tinsab barra mit-territorju tal-Istati Membri iżda li tipprovdi servizzi fl-ispazju tal-ajru fejn japplika t-Trattat tal-Unjoni Ewropea għandha ssir mill-Aġenzija. Aktar spjegazzjonijiet jinsabu hawn taħt fil-paragrafu (c) ta' dan il-kapitolu.

ii. Id-**definizzjoni ta' servizz pan-Ewropew**. Din id-definizzjoni hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 22a. L-għan ta' din id-definizzjoni huwa li tikkjarifika x'inhuma dawk is-servizzi pan-Ewropej.

iii. Iż-żieda ta' **referenzi għall-artikoli rilevanti tar-Regolament Bażiku**. Kif ġie spjegat diġà fil-paragrafu (a), l-abbozz tar-Regolament sejjer ikollu bażi legali doppja. Għalhekk, ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 550/2004 kienu kkumplimentati b'referenzi għall-artikoli rilevanti tar-Regolament Bażiku.

iv. Ir-**referenzi għal Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza (NSA)** kif imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 ġew **sostitwiti minn** referenzi għal **awtoritajiet kompetenti**. Kif issemma diġà hawn fuq, xi partijiet interessati esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-bażi legali għall-Aġenzija biex tesegwixxi ċerti kompiti bħala awtorità kompetenti u talbu biex ċerti dispożizzjonijiet jispeċifikaw min hija l-awtorità kompetenti. Il-fehma tal-Aġenzija hija li ma hemmx bżonn li dan jiġi speċifikat fir-regoli ta' implimentazzjoni minħabba li dan jirrepeti l-kompiti u r-responsabbiltajiet li ġew adottati diġà mill-ko-leġiżlatur Ewropew fir-Regolament Bażiku. Eżempju wieħed huwa l-każ tad-Direttivi dwar is-Sikurezza, previsti f'dak li kien l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007 (Artikolu 13 tar-Regolament propost). F'dan il-każ, it-terminu NSA sempliċiment ġie sostitwit minn 'awtorità kompetenti'. L-Aġenzija tqis li l-Artikolu 8b tar-Regolament Bażiku jesiġi li l-Aġenzija hija intitolata wkoll li toħroġ dawn id-direttivi dwar is-sikurezza. Fil-fatt, ir-regoli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 8b (6)(f) tar-Regolament Bażiku għandhom jiżguraw li s-setgħat adegwati jingħataw lill-awtoritajiet b'funzjonijiet ta' sorveljanza biex jirreaġixxu għal kundizzjonijiet mhux sikuri li jistgħu jirriżultaw matul il-forniment tal-ATM/ANS. Barra minn hekk, l-iżvilupp tar-regoli ta' implimentazzjoni għandu jsir, sakemm ikun possibbli, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007. L-Aġenzija, bħala awtorità kompetenti, jeħtieġ li tkun awtorizzata minn dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni, u għalhekk tkun intitolata li tuża l-mekkaniżmu tad-Direttiva dwar is-Sikurezza fir-rigward ta' dawk l-organizzazzjonijiet/servizzi li tissorvelja. Għalhekk, ir-Regolament Bażiku jipprovdi bażi legali adegwata għall-Aġenzija biex toħroġ direttivi dwar is-sikurezza fit-tifsira tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007.

v. It-terminu **organizzazzjoni rikonoxxuta** ġie **sostitwit** mit-terminu **entità kwalifikata,** b'segwitu tal-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku.

vi. Il-**premessi** ġew ukoll aġġornati sabiex ikunu jirriflettu s-sitwazzjoni attwali, l-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku, il-bażi għar-regola ta' implimentazzjoni proposta u l-fażijiet ulterjuri fil-ġejjieni.

vii. L-introduzzjoni ta' **dispożizzjonijiet transitorji** għat-trasferiment tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza mill-awtorità(jiet) kompetenti rilevanti lill-Aġenzija f'dawk il-każijiet fejn l-Aġenzija tkun l-awtorità kompetenti b'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolament Bażiku (organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi fl-ispazju tal-ajru tat-territorju li għalih japplika t-Trattat u li jkollhom il-post tal-operat prinċipali tagħhom u, jekk ikollhom, l-uffiċċju rreġistrat tagħhom barra minn dak it-territorju u għal organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi pan-Ewropej) wara sitt xhur. L-Aġenzija tqis li sitt xhur huma biżżejjed għat-tħejjija tagħha biex tieħu f'idejha r-responsabbiltajiet tagħha allokati mil-leġiżlatur fir-Regolament Bażiku.

viii. L-introduzzjoni ta' **dispożizzjoni ta' revoka** tar-regolament eżistenti bħala Artikolu 17 ġdid. Dan l-Artikolu jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 billi d-dispożizzjonijiet kollha huma trasposti għal kollox fir-regola ta' implimentazzjoni proposta.

20. Il-bidliet proposti u l-aġġornamenti tekniċi minimi msemmija hawn fuq huma meqjusa bħala li jaqgħu fl-ambitu tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea u approvati mill-Kumitat tal-Ajru Uniku (Single Sky Committee - SSC) fit-33 u l-34 laqgħa tagħhom. Fil-proċess tar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti, l-Aġenzija, fuq il-pariri

mogħtija mill-membri tal-gruppi tat-tfassil ta' regoli ATM.001 u ATM.004, identifikat xi oqsma oħrajn fejn ikun hemm bżonn ta' titjib. L-Aġenzija hija tal-fehma li l-proposti li ġejjin għat-titjib għandhom jiġu stabbiliti bħala l-ewwel prijoritajiet li jridu jitwettqu matul it-tieni fażi tal-proċess tat-tfassil ta' regoli, flimkien mat-traspożizzjoni tal-Istandards tal-ICAO u l-Prattiki Rakkomandati rilevanti:

i. L-implimentazzjoni tal-**approċċ ta' sistema totali fuq ir-rekwiżiti tal-awtorità**. L-'approċċ ta' sistema totali' huwa maħsub biex jintegra l-proċessi taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza u biex inaqqas il-piż minn fuq il-persuni u l-organizzazzjonijiet irregolati. L-approċċ ta' sistema totali għar-rekwiżiti tal-awtorità huwa maħsub ukoll biex jarmonizza l-proċessi tas-sorveljanza għal persuni, organizzazzjonijiet, prodotti, partijiet u tagħmir u sistemi u kostitwenti. Il-komponenti tas-sistema tal-avjazzjoni — prodotti, operaturi, membri tal-ekwipaġġ, ajrudromi, ATM/ANS — fuq l-art jew fl-ajru, huma parti minn netwerk wieħed. L-'approċċ ta' sistema totali' huwa maħsub biex jelimina r-riskju tal-lakuni jew l-overlaps tas-sikurezza, u jfittex li jevita r-rekwiżiti konfliġġenti u r-responsabbiltajiet konfużi. Ir-Regolamenti għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod standardizzat. Huma għandhom jippermettu l-użu tal-aqwa prattiki. Il-proposti għall-emendar tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet (Parti-AR) żviluppati bħala parti mill-ħidma tal-Aġenzija fl-ewwel estensjoni tas-sistema tal-EASA (l-estensjoni tas-sistema tal-EASA għall-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru u l-ħruġ tal-liċenzji għall-ekwipaġġ tat-titjir) kif ukoll l-emendar fis-subparti AR.GEN proposta (subparti ta' Parti-AR, applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha li jissorveljaw l-organizzazzjonijiet kollha tal-avjazzjoni) għandhom, fejn applikabbli, jiġu żviluppati fuq il-bażi tar-regoli ta' implimentazzjoni rapida. Dan għandu jiżgura konsistenza aħjar u għandu jissimplifika l-proċess taċ-ċertifikazzjoni. Fit-tieni fażi, ir-rekwiżiti kollha għall-awtoritajiet kompetenti li huma inizjalment inklużi fl-abbozz tar-Regolamenti għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru u għall-ħruġ ta' liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għandhom jiġu integrati wkoll fl-istess regola ta' implimentazzjoni (Parti-AR) biex jipprovdu għall-armonizzazzjoni tal-proċessi ta' sorveljanza. Huma għandhom ukoll jiġu adattati għall-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jimplimentaw il-prinċipji deskritti fir-Regolament Bażiku dwar is-sorveljanza, l-infurzar, l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati, hekk kif dan diġà nbeda mill-Aġenzija bil-proposta tagħha fl-NPA 2008-22.

ii. Il-prinċipji tal-**Programm dwar is-Sikurezza tal-Istat** promoss mill-ICAO għandhom jiġu integrati wkoll f'dawk ir-rekwiżiti. L-Aġenzija diġà bdiet din il-ħidma bl-adattament tad-dispożizzjonijiet proposti inizjalment fl-NPA 2008-22 u bl-implimentazzjoni ta' Programm Ewropew dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni[13].

iii. Id-dispożizzjonijiet għas-**sorveljanza tas-sikurezza tal-bidliet ta' sikurezza** fis-sistemi funzjonali (dawk li kienu l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007) jeħtieġ li jiġu integrati kif ġie spjegat diġà fil-paragrafu (a), u jeħtieġ li jiġu integrati fil-qafas regolatorju komuni.

iv. L-hekk imsejħa '**rekwiżiti mhux relatati mas-sikurezza**' għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi, kif ukoll għall-identifikazzjoni tagħhom. Is-suġġett ġie diskuss mal-esperti tal-gruppi tat-tfassil ta' regoli matul il-ħidma tagħhom u waqt il-laqgħat ad hoc. Matul l-34 laqgħa tal-SSC, ġie deċiż li l-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel proposta dwar kif tittratta r-'rekwiżit mhux relatat mas-sikurezza' għall-kunsiderazzjoni tal-SSC.

Il-ħtieġa li t-terminoloġija tiġi armonizzata kemm jista' jkun sabiex jissemmew l-atti tal-awtoritajiet kompetenti biex huma jirreaġixxu għal kundizzjonijiet mhux sikuri mingħajr dewmien żejjed. Filwaqt li fl-Artikolu 13 propost tal-abbozz tar-regolament għal din l-Opinjoni (dak li kien l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1315/2007) it-

[13] http://www.easa.europa.eu/ws_prod/g/doc/COMMS/easanews/EASA-Newsletter-issue-3.pdf. http://www.easa.europa.eu/ws_prod/g/doc/About_EASA/Manag_Board/2009/EASA%20MB%2003-2009%20Summary%20of%20Discussions%20MB%20Special%20Meeting.pdf.

terminu użat huwa 'direttivi dwar is-sikurezza', it-terminu użat fl-NPA tal-EASA 2008-22 huwa t-terminu tal-ICAO 'Informazzjoni Obbligatorja dwar is-Sikurezza'. Minbarra dan, it-terminu 'direttiva dwar is-sikurezza' ġie propost mill-Aġenzija skont l-NPA tal-EASA 2009-0[14] biex jirreferi għall-miżuri li l-Aġenzija tista' tkun permessa li toħroġ biex tindirizza r-rekwiżiti retroattivi tal-ajrunavigabbiltà għall-operazzjonijiet (it-titjib tal-livell ta' sikurezza) u biex tagħti s-setgħa li jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet identifikati fl-elementi li huma parti mid-data dwar l-adattabilità operattiva tal-inġenju tal-ajru. Il-valutazzjoni tat-termini li għandhom jintużaw f'kull każ sejra ssir kif suppost matul it-tieni fażi.

21. Il-proposti msemmija hawnfuq flimkien mat-traspożizzjoni tal-ICAO SARPs rilevanti għandhom ikunu l-ewwel prijoritajiet għat-tieni fażi tal-Aġenzija kif issemma diġà. Ir-Regolamenti proposti sejrin ikunu l-punt tat-tluq għall-Aġenzija għat-tieni fażi.

### c) *L-Aġenzija bħala l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 22a tar-Regolament Bażiku u spjegazzjoni ulterjuri tal-Artikolu 3 tal-abbozz tar-regoli ta' implimentazzjoni*

22. Il-prinċipju tas-separazzjoni tar-regolament dwar is-sikurezza mill-funzjonijiet operattivi (obbligu għall-ANSPs biex ikunu ċċertifikati u ċ-ċertifikati normalment maħruġa mill-NSAs) kien sostnut mill-ko-leġiżlatur Ewropew fl-2009 meta adotta l-pakkett tal-SES II, u meta adotta l-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija għall-ATM/ANS. Għalhekk, ma hemm ebda dubju li l-NSA nnominata jew stabbilita minn Stat Membru hija l-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ANSPs li jkollhom il-post tal-operat prinċipali tagħhom u, jekk ikollhom, l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, fl-istess Stat Membru. Dan huwa loġiku wkoll għal raġunijiet sussidjarji u ta' prossimità. Dan huwa l-każ stabbilit fl-Artikolu 3(a) tar-regoli ta' implimentazzjoni proposti għal din l-opinjoni.

23. Barra minn hekk, l-SES I introduċa l-kunċett tal-Blokok ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali (FABs) li jinkludu l-ispazju tal-ajru fuq aktar minn Stat Membru wieħed. Fir-rigward tal-FABs li jestendu tul l-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' aktar minn Stat Membru wieħed, il-ko-leġiżlatur Ewropew stabbilixxa li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonkludu ftehim dwar is-sorveljanza tal-ANSPs li jipprovdu servizzi relatati ma' dak l-FAB. Din id-dispożizzjoni reġgħet ġiet ikkonfermata meta ġie adottat l-SES II. Jistgħu jeżistu bosta soluzzjonijiet biex jiġi implimentat dan il-prinċipju; bħal biex tiġi nnominata NSA waħda għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ANSPs kollha li jipprovdu servizzi f'FAB; jiġi sostnut il-prinċipju tal-kompetenza territorjali għal ANSPs differenti attivi fl-FAB jew biex jiġu nnominati diversi NSAs, iżda kull waħda minnhom tkun responsabbli għal tip speċifiku ta' servizz. Ir-regoli ta' implimentazzjoni proposti mill-Aġenzija ma għandhomx jillimitaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-SES li jippermettu lill-Istati Membri jagħżlu l-arranġamenti applikabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ANSPs li jipprovdu servizzi f'FAB. Għalhekk, l-Artikolu 3(b) propost jagħmel referenza għal dan il-ftehim bejn l-Istati Membri involuti fl-FAB, minħabba li, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, il-ftehim bejn l-Istati Membri jista' jinkludi wkoll allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet għall-kompiti ta' sorveljanza.

24. Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 jippermetti ċ-ċertifikazzjoni tal-ANSPs li jipprovdu servizzi 'magħquda' (pereżempju; fornitur ta' servizzi tal-ATC fit-triq li jipprovdi wkoll TWR ATC fl-ajrudromi, FIS, Komunikazzjoni, Navigazzjoni jew ANS oħrajn), iżda wkoll servizzi 'mhux magħquda' (pereżempju operatur wieħed tal-ajrudromi li jipprovdi servizzi ta' TWR direttament fil-post tiegħu jew fornitur ta' sinjali ta' navigazzjoni bir-radju biss). Din il-possibbiltà diġà kienet qiegħda tintuża b'mod wiesa': ir-Rapport tal-EUROCONTROL dwar l-implimentazzjoni tal-SES[15] maħruġ f'Ġunju 2009, wera 212-il ANSP iċċertifikati, numru li huwa ferm akbar min-numru ta' Stati Membri tal-UE. Tali numru ovvjament ma

---

14 http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/NPA%202009-01.pdf

15 http://www.eurocontrol.int/lssip/gallery/content/public/2009Sep/SESReport_WEB.pdf.

jkunx possibbli mingħajr is-'separazzjoni' ta' xi ANS mill-Fornitur tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru (Air Traffic Control Provider - ATCP) nazzjonali prinċipali. Fil-ġejjieni, SESAR u NEXTGEN jistgħu jġibu magħhom innovazzjonijiet sinjifikanti għal ATM/ANS, speċjalment fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali u l-ħtieġa bażika għal netwerk ta' komunikazzjoni. SESAR, b'mod partikolari, jesiġi li juża mhux biss links ta' data mobbli fil-linja tal-vista tar-radju, iżda wkoll mezzi ta' komunikazzjoni mobbli ajrunawtiċi bbażati fuq is-satellita. Ma hemm xejn li jipprevjeni fornitur ta' mezzi ta' komunikazzjoni bis-satellita milli jipprovdi servizzi fl-ispazju tal-ajru tat-territorju li għalih japplika t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jkollu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu barra mit-territorju tal-Istati Membri. Jista' jkun hemm eżempji oħrajn, pereżempju fir-rigward tad-disinjaturi ta' proċeduri ta' strumenti jew il-fornituri ta' data għal sistemi tal-ġestjoni tat-titjir.

25. L-Artikolu 22a(b) tar-Regolament Bażiku jitlob lill-Aġenzija tkun responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati u awtorizzazzjonijiet lil organizzazzjonijiet li jinsabu barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, iżda li jipprovdu servizzi fl-ispazju tal-ajru tat-territorju li għalih japplika t-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-Aġenzija sejra tkun l-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet f'dawk il-każijiet. Ir-regoli ta' implimentazzjoni proposti għandhom ikunu konsistenti ma' dak li ntqal hawn fuq u dik hija r-raġuni loġika għall-Artikolu 3(c) tar-regoli ta' implimentazzjoni proposti.

26. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Novembru 2008[16], fejn ħabbret it-tieni estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea innotat li, bl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, il-fornituri tas-servizzi li joperaw madwar il-kontinent kollu, jew saħansitra lil hinn minnu, huma emerġenti. Diġà, ir-raggruppament tal-fornituri ta' EGNOS[17] u l-operatur futur ta' Galileo[18] fil-qasam tan-navigazzjoni bis-satellita, l-EAD[19], u servizzi tal-komunikazzjoni bħal ARINC u SITA[20] huma eżempji ta' dan. Ir-regoli komuni Ewropej għandhom jagħmluha possibbli li jiġi żgurat li ċ-ċertifikazzjoni ta' dawn it-tipi ġodda ta' organizzazzjonijiet issir b'suċċess b'mod konsistenti u kkoordinat.

27. Il-ko-leġiżlatur Ewropew iddeċieda (skont l-Artikolu 22a(c) tar-Regolament Bażiku) li l-Aġenzija għandha toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi pan-Ewropej tal-ATM/ANS. L-Artikolu 3(d) propost jirrifletti biss, fil-livell tar-regoli ta' implimentazzjoni, id-deċiżjoni diġà meħuda mill-ko-leġiżlatur Ewropew.

28. Kif issemma diġà hawn fuq, madankollu l-mistoqsija hija dwar jekk ċertifikat maħruġ mill-Aġenzija għandux ikopri biss ir-rekwiżiti tas-'sikurezza' applikabbli għall-ANSPs pan-Ewropej, jew ir-rekwiżiti 'kollha' (jiġifieri d-dispożizzjonijiet tas-'sikurezza' u dawk imsejħa dispożizzjonijiet 'mhux relatati mas-sikurezza' jew dispożizzjonijiet li ma għandhomx 'impatt dirett fuq is-sikurezza') rigward iċ-ċertifikazzjoni. Għalkemm ġie deċiż li l-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel proposta għall-kunsiderazzjoni tal-SSC fir-rigward tal-kwistjoni relatata mar-rekwiżiti 'mhux relatati mas-sikurezza' taċ-ċertifikazzjoni, fil-fehma tal-Aġenzija, ANSP wieħed għandu jkollu ċertifikat wieħed li juri l-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli kollha, għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-firda tar-rwol tas-sorveljanza bejn l-Aġenzija u NSA waħda twassal għal proċess ta' ċertifikazzjoni doppja jew għal allokazzjoni mhux ċara tar-responsabbiltajiet, li tikkawża piż għall-organizzazzjonijiet irregolati;
- Dan il-piż ikun kontra l-Artikolu 2.2(c) tar-Regolament Bażiku, li jitlob lill-Aġenzija tippromwovi l-kost-effiċjenza tal-proċessi regolatorji u ta' ċertifikazzjoni u biex tevita d-duplikazzjoni fil-livell nazzjonali u tal-UE;

---

16 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2005:0578:FIN:EN:DOC.

17 EGNOS: Servizz Ewropew ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja.

18 Galileo hija s-sistema Ewropea ta' navigazzjoni bis-satellita.

19 EAD: Database Ewropea ta' Informazzjoni.

20 ARINC u SITA: Aeronautical Radio Inc. u Société Internationale de Télécommunications Aéronautiques – servizzi ta' komunikazzjoni fis-suq għall-industrija tal-avjazzjoni.

- Ir-Regolament Bażiku ma jillimitax iċ-ċertifikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza (it-terminu ċertifikazzjoni kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku għandu jfisser 'kwalunkwe forma ta' rikonoxximent li prodott, parti jew apparat, organizzazzjoni jew persuna tkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll il-ħruġ taċ-ċertifikat rilevanti li juri din il-konformità');
- L-Artikolu 22a tar-Regolament Bażiku b'ebda mod ma jillimita l-ambitu u l-kontenut taċ-ċertifikati li jridu jinħarġu mill-Aġenzija, li għandhom ikopru l-firxa sħiħa ta' rekwiżiti applikabbli;
- Il-firda tar-rekwiżiti tas-'sikurezza' minn dawk 'mhux relatati mas-sikurezza' hija sa ċertu punt arbitrarja u għalhekk teħtieġ konsultazzjoni bir-reqqa.

29. Hija l-opinjoni tal-Aġenzija li l-firda tar-responsabbiltajiet ta' sorveljanza għall-aspetti ta' 'sikurezza' u dawk 'mhux relatati mas-sikurezza' taċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti differenti ddgħajjef l-iskop tal-ko-leġiżlatur Ewropew u mhijiex rekwiżit legali. Barra minn hekk, deċiżjoni bħal din titqies bħala kontradittorja mal-objettivi tar-Regolament Bażiku, li jirrikjedi ċ-ċentralizzazzjoni tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza ta' ċerti fornituri ta' servizzi.

30. Finalment, u kif ġie spjegat diġà hawn fuq, il-Kummissjoni Ewropea sejra tagħmel il-proposta leġiżlattiva finali fuq kif jistgħu jiġu ttrattati l-hekk imsejħa dispożizzjonijiet 'mhux relatati mas-sikurezza'.

## IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju

31. L-għan ta' Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju (Regulatory Impact Assessment - RIA) huwa li tivvaluta l-impatti u l-konsegwenzi tar-regoli u r-rekwiżiti li qegħdin jiġu proposti. Għalhekk, il-valutazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet (pereżempju; bejn l-għażliet regolatorji kollha possibbli tintgħażel dik bl-inqas impatt globali fuq il-persuni/organizzazzjonijiet irregolati) dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku.

32. L-għan u l-metodoloġija ta' RIA ġew spjegati f'bosta dokumenti, jiġifieri RIA fuq l-estensjoni tal-kompetenza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) sar-regolamentazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru (ATM/ANS).

33. Minħabba r-raġunijiet spjegati diġà fil-kapitolu III, l-Opinjoni preżenti tinkludi sett ta' regoli ta' implimentazzjoni li ġew ikkopjati mir-Regolamenti SES; b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1315/2007. Ma hemmx bidliet proposti fil-kontenut tal-imsemmija Regolamenti li jiġġustifikaw l-analiżi ulterjuri fil-kuntest ta' RIA. Il-bidliet minimi proposti li jimplimentaw ir-Regolament Bażiku huma bidliet li ma jippermettux għal kwalunkwe alternattiva jew għażla oħra li jimmeritaha studju addizzjonali.

34. Għalhekk, ma twettqet ebda RIA. Minkejja dan, l-Aġenzija xorta waħda tixtieq tenfasizza li hemm xi data rilevanti rigward il-popolazzjoni affettwata li hija ta' interess fil-kuntest ta' dan is-sett ġdid ta' regoli. Dawk jistgħu jinstabu fir-Rapport tal-EUROCONTROL dwar l-Implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni tal-SES[21] li jiżvela numru ta' organizzazzjonijiet u persuni involuti fl-ATM/ANS fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, in-Norveġja u l-Isvizzera.

35. Fir-rapport tiegħu tal-2008[22], l-EUROCONTROL enfasizza li hemm xi kwistjonijiet pan-Ewropej li jeħtieġu azzjoni fil-livell Ewropew:

- In-nuqqas ta' arranġamenti għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ATFM u l-ASM mill-NSA's, notevolment fil-każ tal-elementi tal-ATFM operati ċentralment minn CFMU;

---

21 www.eurocontrol.int/lssip/gallery/content/public/2009Sep/SESReport_WEB.pdf.

22 http://www.eurocontrol.int/src/gallery/content/public/documents/report/srcdoc44_e1.0.pdf.

- In-nuqqas ta' formalizzazzjoni tal-arranġamenti tas-sorveljanza tas-sikurezza fir-rigward tas-sitwazzjonijiet transkonfinali;
- Implimentazzjoni ħażina mill-NSA's tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-bidliet, li hija importanti fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' sistemi ġodda u l-bidliet fis-sistemi eżistenti;
- In-nuqqas ta' speċifikazzjoni ta' miżuri ta' infurzar għal ksur fir-Regolamenti tal-SES minn fornituri ċċertifikati kif mitlub fir-regolamenti rilevanti tal-SES;
- B'mod ġenerali, hemm tħassib fir-rigward tar-regolamentazzjoni doppja, l-iżvilupp ta' Kultura Ġusta u d-disponibbiltà tar-riżorsi, speċjalment il-persunal kwalifikat fil-verifika.

36. Fir-rapport tiegħu tal-2009, l-EUROCONTROL enfasizza li r-rekord tal-industrija, f'termini ta' aċċidenti u inċidenti, ikompli juri li r-riskji ewlenin qegħdin jiġu rikonoxxuti u mnaqqsa b'suċċess. Madankollu, f'għadd ta' każijiet, il-livelli eżistenti ta' riżorsi u kompetenzi mhumiex biżżejjed biex l-individwi jkunu jistgħu jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tas-sikurezza tagħhom sal-punt meħtieġ biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib fis-sikurezza.

37. Għalkemm jista' jiġi konkluż li ma hemmx riskji immedjati fil-qasam tal-ATM/ANS, għad hemm ħafna aspetti li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Is-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-infurzar huma oqsma fejn huwa mixtieq li jsir xi titjib u għad ma hemm ebda uniformità f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza tal-ATM/ANS. L-RIA fuq l-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolamentazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizzi ta' Navigazzjoni tal-Ajru (Air Traffic Management and Air Navigation Services - ATM/ANS) diġà ddikjarat dan u din l-analiżi tikkonferma li jeħtieġ li tittieħed azzjoni. Din tinvolvi primarjament il-mira ta' regolamentazzjoni ċara u implimentazzjoni u sorveljanza uniformi. Fit-tieni fażi tal-implimentazzjoni, dan sejjer ikompli jiġi evalwat u indirizzat.

## V. Konklużjonijiet

38. L-Aġenzija ħejjiet din l-Opinjoni bħala tweġiba għat-talba mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Ajru Uniku (SSC) biex timplimenta l-estensjoni tas-sistema regolatorja Ewropea tas-sikurezza fl-avjazzjoni għall-ATM/ANS fl-ewwel fażi permezz tal-hekk imsejjaħ proċess 'rapidu'. Fit-twettiq ta' dan, l-Aġenzija rriflettiet bir-reqqa fuq il-pariri ulterjuri li rċeviet matul il-proċess mingħand il-Kummissjoni, l-SSC u l-Bord ta' Tmexxija tal-EASA, kif ukoll mingħand il-partijiet interessati kollha involuti.

39. L-Aġenzija temmen bil-qawwa kollha li dan il-proċess rapidu sejjer jipprovdi benefiċċji bikrija fis-sistema regolatorja tas-sikurezza, bħal:

- L-Aġenzija tista' tiżviluppa l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni meħtieġa, li l-użu tagħhom jiffaċilita l-konformità mar-regoli u jipprovdi l-proporzjonalità u s-sussidjarjetà meħtieġa. Dan jimplika wkoll l-użu tal-aqwa prattiki fl-industrija;
- Ir-regoli l-ġodda fis-seħħ jippermettu lill-Aġenzija tibda l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tagħha maħsuba biex tiżgura l-applikazzjoni sikura u uniformi tar-regoli komuni u biex tassisti lill-awtoritajiet fl-irwol tagħhom tas-sorveljanza tas-sikurezza;
- L-Aġenzija ssir l-awtorità kompetenti fil-kompiti attribwiti lilha mil-liġi — għal ANSP's pan-Ewropej u mhux fl-UE, kif ukoll għal organizzazzjonijiet ta' taħriġ mhux Ewropej ta' ATCO;
- Elementi oħrajn fis-sistema Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni – bħal ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, kif ukoll miżuri ta' infurzar stabbiliti fil-BR – isiru applikabbli wkoll f'dan il-qasam;
- L-Aġenzija titħalla tikkontribwixxi permezz ta' diversi miżuri regolatorji għall-implimentazzjoni tas-SES II, inkluż b'mod partikolari l-appoġġ għall-arranġamenti

tal-FAB, is-sorveljanza tas-sikurezza tal-funzjonijiet amministrattivi tan-netwerk ATM u l-għoti tal-appoġġ meħtieġ biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm SESAR.

40. L-Aġenzija tirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda l-proċess eżekuttiv biex tadotta l-abbozz tar-regoli ta' implimentazzjoni fuq il-bażi tal-Opinjoni preżenti u temenda b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni eżistenti applikabbli għall-Ajru Uniku Ewropew sabiex tevita r-regolamentazzjoni doppja u r-rekwiżiti konfliġġenti.

Cologne, 28 ta' Mejju 2010

P. GOUDOU

Direttur Eżekuttiv